MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 66/2009

**Rikors Guramentat numru 66/2009JD**

**Vincent u Rita konjugi Zammit**

**vs**

**Joseph u Dorianne konjugi Micallef**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

1. Illi permezz tal-kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Andre' Farrugia tal-hamsa (5) ta' Frar elfejn u sebgha (2007) il-konvenuti Joseph u Dorianne Micallef xtraw il-proprjeta' immobbli msemmija fil-kuntratt u cioe' id-dar minghajr

numru ufficcjali pero' iggib l-isem 'Nice Memories' (gieli ndikata Nice Memory) f'Ghajnsielem, Ghawdex, inkluza l-arja u s-sottoswol taghhom mill-poter tal-Avukat Dottor Carmelo Galea u martu Rita Galea in kwantu ghal nofs indiviz u in kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor mill-poter tas-socjeta' Caruana and Cini Developments Limited.

2. Illi meta l-imsemmija konjugi Micallef ghamlu dan ix-xiri, huma ghamlu hekk bhala prestanome ghall-atturi u dana sabiex jigi evitat li d-dar konjugali ta' l-atturi ma tigix trasferita lil terzi.

3. Illi din il-proprjeta' ghandha titqies bhal li kieku ta' l-atturi u del resto hija d-dar konjugali taghhom.

4. Illi b'qerq u malizzja l-istess konvenuti stitwew kontra l-atturi mandat ta' zgumbrament mandat numru 108/2007 fl-ismijiet inversi, meta l-istess atturi gia hallsu lill-konvenuti l-maggior parti tal-prezz skond ma jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi l-konvenuti ghamlu diversi pagamenti lill-atturi bhal rimbors tal-ammont li dawn ta' l-ahhar hallsu fl-interess tal-atturi fuq l-att tan-Nutar Andre' Farrugia tal-5 ta' Frar 2007, fuq imsemmija, kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi l-atturi huma fil-posizzjoni li jhallsu l-bilanc rimanenti ta' l-ammont dovut lill-atturi.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tillikwida u tiffissa l-ammont li ghadu dovut bhala bilanc fil-prezz imhallas mill-konvenuti fuq l-att tan-Nutar Andre' Farrugia tal-5 ta' Frar 2007 fuq imsemmi;

ii. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jersqu ghall- pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku sabiex il-fond 'Nice Memories' fi Triq ic-Cief, Ghajnsielem, Ghawdex, jigi trasferit lill-atturi kif kien originarjament ippjanat u

miftiehem li jsir, u dan kontra l-hlas ta' kwalunkwe bilanc dovut lilhom;

iii. Konsegwentement ghaliex ukoll din il-Qorti m'ghandhiex tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievi l-att ta' trasferiment relattiv fil-jum, hin u lok li tistabilixxi din l-istess Qorti u billi tahtar kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-istess mandat ta' zgumbrament numru 108/2007, kollha kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharrka ghas-subizzjoni.

Rat li fir-risposta guramentata l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi, fl-ewwel lok, ma tezisti ebda relazzjoni ta' 'mandatarju prestanom' bejn il-konvenuti u l-atturi dan kif irrizulta matul il-provi migbura fil-kawzi fl-ismijiet inversi ghal din (6/2008PC) li qed tistenna l-ezitu ta' din il-kawza u 'Joseph Micallef et vs Maria Assunta Spiteri' (deciza minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta nhar il-4 ta' Frar 2009 u appellata) u wkoll kif ser jerga' jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna. Il-konvenuti qatt ma rcievew ebda struzzjonijiet minghand l-atturi wisq anqas setghu b'xi mod jagixxu fuq struzzjonijiet ta' l-istess. In-negozjati saru kollha bejn il-konvenuti u s-sidien precedenti tal-fond u l-prezz ta' l-istess fond thallas kollu kemm hu mill-istess esponenti.

2. Illi l-azzjoni odjerna lanqas ma tista' tirnexxi in kwantu, minkejja l-premessi tal-kawza, ma saret ebda talba sabiex jigi dikjarat illi l-fond mertu tal-proceduri kien gie akkwistat mill-esponenti bhala 'mandatarji prestanom' ta' l-atturi filwaqt illi l-ewwel talba attrici tikkontradici proprju l-allegazzjoni ta' l-atturi illi l-esponenti agixxew f'isimhom.

3. Illi fil-fatt m'hemm ebda ammont x'jigi ffissat bhala bilanc tal-prezz imhallas mill-esponenti kemm ghaliex l-esponenti qatt ma rcievew flus f'dan ir-rigward mill-atturi imma wkoll ghaliex tali talba tammonta ghall-attentat da

parti ta' l-atturi ghat-tehid furzat tal-fond mixtri mill-esponenti ukoll meta ma tezisti ebda relazzjoni guridika li torbot lill-partijiet flimkien.

4. Illi, l-pretensjonijiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi ghal din (6/2008PC) li qed tistenna l-ezitu ta' din il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi dak li jirrizulta mill-atti huwa s-segwenti:

- Vincent Zammit kien debitur ta' l-Avukat Carmelo Galea u Caruana and Cini Developments Limited. Billi ma wasalx li jhallas dak dovut, il-krédituri tieghu pprocedew bil-proceduri appoziti. Infatti l-krédituri akkwistaw il-fond mertu tal-vertenza odjerna in forza ta' liberazzjoni li saret fl-atti ta' subbasta Nru 4/02 fl-ismijiet 'Emanuel Cini et vs Vincent Zammit' u li giet approvata mill-Qorti b'digriet ta' l-10 ta' Awwissu 2004.

- In segwitu ghal dan, il-krédituri l-Avukat Galea u Caruana and Cini Developments Limited ottjenew il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament bin-Numru 38/05 fl-ismijiet 'Dr Carmelo Galea et vs Vincent Zammit'.

- Hekk kif l-imsemmi mandat ta' zgumbrament kien qieghed jigi ezegwit, Joseph Micallef (illum konvenut) hallas lill-krédituri l-flus li kellhom jiehdu. Mix-xhieda ta' l-

Avukat Carmelo Galea[1] jirrizulta li kienu Vincent Zammit u ibnu Jason Zammit li ressqu lil Joseph Micallef.

- Joseph Micallef hallas lill-kredituri permezz ta' *bank draft* ezebit in atti u datat 19 ta' Lulju 2005 fl-ammont ta' Lm81,000[2] illum ekwivalenti ghal €188,679.25.

- Fil-5 ta' Frar, 2007 gie ppubblikat kuntratt in atti Dottor Andre' Farrugia bejn Carmel u Rita Galea (in kwantu ghal nofs indiviz) u Caruana and Cini Developments Limited (in kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor) u fuq in-naha l-ohra Joseph u Dorianne konjugi Micallef.

- Vincent u Rita Zammit baqghu jokkupaw il-fond *de quo* bhala d-dar matrimonjali taghhom.

- Il-konvenuti odjerni Micallef ipprezentaw talba ghall-hrug ta' mandat ta' zgumbrament Nru 108/2007 fit-23 ta' Lulju 2007 liema talba giet michuda ai termini tad-digriet datat 14 ta' Settembru, 2007.

- Sussegwentement, il-konjugi Micallef ipprezentaw kawza fil-15 ta' Jannar, 2008[3] kontra l-konjugi Zammit li permezz taghha talbu lill-Qorti tordna lill-intimati jizgombraw mid-dar *de quo* inkluz il-garaxx u l-mandra annessi maghha li jiffurmaw parti ntegrali minnha.

- Il-konvenuti Zammit eccepew fost ohrajn li l-konjugi Micallef kienu akkwistaw id-dar inkwistjoni bhala *prestanome* taghhom.

- Fit-2 ta' Settembru 2009 il-konjugi Zammit ipprezentaw il-kawza odjerna li permezz taghha qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tillikwida u tiffissa l-ammont li skont huma ghadu dovut bhala bilanc fil-prezz imhallas lill-konvenuti, tikkundanna lill-konvenuti jersqu ghall-

[1] Moghtija fil-kawza Nru: 6/08PC fl-ismijiet inverse a fol 78 tal-process tal-kawza odjerna
[2] Dok JM2 a fol 88 tal-process tal-kawza Nru: 6/08PC
[3] Rik Gur Nru: 6/08PC

pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku sabiex il-fond jigi trasferit lill-atturi kif kien originarjament ippjanat u miftiehem li jsir.

Illi ghaldaqstant l-atturi qeghdin jinvokaw l-istitut ta' mandatarju *prestanome.* Fis-sistema legali taghna nsibu dak li jissejjah il-mandatarju prestanome. Infatti fil-kawza **Maria Calleja noe vs Paolo Deguara**[4] gie osservat: *'nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altre persone non figurante nell'atto ma avente diritto di avocare a se' quello che vi si e' contrattato nel proprio interesse'.*

Fis-sentenza **Profs. Anthony J. Mamo noe v. Nobbli Charles Sant Fournier noe**[5], dan l-istitut gie deskritt hekk:-

*"Illi l-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jezercita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realta` mhux hlief il-mandatarju. Meta huwa, f'din il-kwalita` ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta` tal-haga mmobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta` tal-haga, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirent, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward tat-terzi jibqa' l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat, u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant."*

F'dik il-kawza kienet saret dikjarazzjoni bejn il-mandant u l-mandatarju li ghalkemm dan ta' l-ahhar deher f'ismu proprju fuq il-kuntratt huwa kien fil-fatt qed jidher ghad-ditta. L-ewwel Qorti kienet qalet illi:

---

[4] Qorti ta' l-Appell – 10 ta' Ottubru 1930, Vol XXVII.i.620
[5] Qorti ta' l-Appell – 2 ta' Mejju 1957

*““…. jista’ wiehed jixtri, jew jakkwista bi kwalunkwe titolu li jkun, fond fl-interess ta’ haddiehor bis-sahha ta’ mandat li dik il-persuna l-ohra tkun taghtu ghal dan l-iskop; liema mandat m’ghandux bzonn jinghata bil-miktub, avvolja jkollu bhala effett tieghu l-akkwist ta’ mmobbli. F’kaz bhal dan, il-fondi akkwistati mill-mandatarju jsiru tal-mandant minn dak il-mument stess tal-kuntratt, avvolja l-mandatarju jkun ghamel l-akkwist tal-fondi f’ismu proprju, u fl-att ma jkun issemma’ xejn li l-fondi kienu qeghdin jinxtraw fl-interess tal-mandant (Kollezz. Vol. XXXVII.I.350).*

----------- *omissis* -----------

*“Illi pero`, f’kaz bhal dan li ssemma’, il-prestanome li jkun gie verbalment kostitwit mandatarju hu fl-obbligu li jaddivjeni ghall-formalita` ta’ l-att pubbliku biex minnu jirrizulta di fronti ghat-terzi li dak l-akkwist, apparentement maghmul mill-mandatarju f’ismu proprju, kien fir-realta` gie maghmul ghall-mandant tieghu; u jekk il-mandatarju ma jottemperax ruhu ghal dan l-obbligu, huwa jista’ jigi kostrett mill-mandant ghall-ezekuzzjoni specifika ta’ dak l-obbligu tieghu li jittrasferixxi lill-mandant il-fondi akkwistati f’ismu proprju (Vol.XXVIII-I-60; Vol. XXXVII-I-350).”*

Illi dwar it-tieni att li sar bejn il-mandant u l-mandatarju fejn gie dikjarat li ghalkemm il-mandatarju fl-ewwel kuntratt hu kien qed jidher in verita` ghad-ditta, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell iddecidiet li dan it-tieni att ghandu:-

*“jigi kkunsidrat bhala att li jirrapprezenta assenjazzjoni; u difatti, l-att li bih wiehed jassenja hu att li bih wiehed jistabilixxi, jiddetermina u jattribwixxi. Issa, bit-tieni kuntratt il-partijiet riedu, u hekk ghamlu, jiddeterminaw u jiddimostraw illi l-proprjeta` mhix ta’ l-Inginier Edwin England Sant Fournier, kif juri l-ewwel kuntratt, imma invece tad-ditta konvenuta; u lil din id-ditta, ghaldaqstant, dik il-proprjeta` giet moghtija bhala proprja – dak li jfisser giet lilha attribwita jew assenjata;*

*“Kif sewwa ssottometta l-konvenut nomine, il-kelma “assenjazzjoni” ma ghandhiex l-istess sinifikat bhal kelma*

*"dikjarazzjoni"; izda dikjarazzjoni tista' tirrakkjudi assenjazzjoni, jekk dan ikun il-kontenut taghha; u meta b'dikjarazzjoni jigi dimostrat li proprjeta` mhix ta' wiehed ghaliex dan hu biss apparentement is-sid taghha, izda ta' iehor, il-kontenut ta' dik id-dikjarazzjoni jimporta assenjazzjoni ta' dik il-proprjeta` lis-sid veru taghha.*

*B'hekk, difatti, dan jakkwista t-titolu ghal dik il-proprjeta` quddiem kulhadd".*

Dan l-insenjament gie kkwotat u applikat f'gurisprudenza llum assodata[6].

*Tornando* ghall-kaz in kwistjoni, l-atturi Zammit qeghdin isostnu li hekk kif kien qieghed jigi ezegwit il-mandat ta' zgumbrament fil-konfront taghhom, il-kredituri qalulhom li kienu lesti li jissospendu l-proceduri ta' zgumbrament jekk ituhom il-flus li kienu dovuti lilhom. Ghalhekk Vincent Zammit staqsa minn fejn seta' jgib il-flus u kellem lil Joseph Micallef. Dan ta' l-ahhar mar mieghu fuq il-post u hallas lill-kredituri ta' Vincent Zammit. Skont l-atturi Joseph Micallef kien se jislifhom il-flus u xtara d-dar ghan-nom taghhom sabiex hekk kif ihallsuh lura dak dovut il-proprjeta' jehduha lura huma.

Illi l-konvenuti jichdu li qatt kien hemm tali ftehim. Il-verzjoni taghhom hija li l-fond gie akkwistat f'isimhom wara li kien thallas il-prezz. Dr Galea u r-rapprezentant tal-kumpannija ghaddew lil Micallef ic-cwievet tal-fond. Meta pprova jaccedi fil-fond sab li kienet inbidlet is-serratura u fil-fond kien hemm joqghodu Zammit. Micallef jichad li qatt ircieva xi flus minghand Vincent Zammit fir-rigward ta' dan in-negozju marbut mad-dar. Jghid li kien biegh xi karozzi lil Zammit u kien hallsu permezz ta' cekk li ma ssarrafx. Kellu wkoll negozju ma' familjari ta' Vincent Zammit liema negozji huma mertu ta' kawzi ohra.

Illi kif inhuwa maghruf l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-atturi. Meta l-Qorti tigi rinfaccjata b'zewg versjonijiet

---

[6] **Victor Pisani vs Grazio Mizzi et,** App Civ Nru: 326/2001 deciza fid-29 ta' Jannar, 2010; **Salvatore Ellis et vs Richard Ellis et,** App Civ Nru: 115/2005 deciza fit-30 ta' Settembru, 2011

totalment opposti ghal xulxin, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti ghandha zzomm quddiem ghajnejha li '*Fil-kamp civili, il-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. (**Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo v. Carmelo Pace**, Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986). Meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbili u verosimili, il-Qorti ma tistax tiddeciedi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti fuq bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur. Fi kwistjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex probabbli u minn ewl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Hafna drabi, bhala provi spiss jassumu rilevanza determinanti certu provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lil verzjoni u mhux lil ohra, u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f'kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikunu sehhu l-affarijiet"[7].*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li kien jezisti xi tip ta' ftehim bejn il-partijiet izda dan il-ftehim ma jaqax fl-ambitu ta' l-istitut tal-mandat *prestanome.* Dan qieghed jinghad ghar-ragunijiet segwenti:-

Din il-Qorti m'hix konvinta li Joseph Micallef tfacca minn imkien kif donnu jrid jaghti x'jifhem u ftiehem dwar il-prezz ma' l-Avukat Galea u rapprezentant tal-kumpanija proprju dakinhar li kien qieghed jigi ezehwit il-mandat ta' zgumbrament. Infatti l-Avukat Galea fix-xhieda tieghu[8] qal b'referenza ghal Vincent Zammit u ibnu li *"dakinhar kienu*

[7] **Saviour Cremona et vs Anthony Cassar et,** App Civ Nru: 91/1999, deciz fit-23 ta' Settembru 2009
[8] A fol 78 tal-process

*gabu lis-sur Micallef, ma nafx minn fejn gabuh, u b'liema ragunijiet gabuh, gie fuq il-post, ghax ahna konna qeghdin fuq il-post, hemmhekk Ghajnsielem stess, jiena u Manwel Cini. U qalilna 'ha, ghandkom cekk, ha naghtikom l-ammont kollu li hu dovut lilkom'"* u bieghulu b'xi profit. L-Avukat Galea kompla[9] li Zammit qalulhom li kienu qed jimxu iebsin wisq maghhom u li kienu se jsibu *"lil xi hadd iehor li ha jislifhom il-flus, u ha jkun aktar lenient maghhom, dawk il-flus jithallsu lilna, imbaghad jirrangaw bejniethom'.* Kompla jispjega li Micallef kien se jixtri l-proprjeta' minghandhom, *"u imbaghad huma[10], skond kliemhom ha jirrangaw mieghu, sabiex il-proprjeta' jehduha lura huma, u l-ammont li dan ikun hallas, jisilfu lilhom".* L-Avukat Galea spjega li proprju dakinhar gie redatt konvenju u ghal dawn in-negozjati kienu prezenti Vincent u Jason Zammit. Ikkonferma li Joseph Micallef hallas il-prezz kollu permezz ta' bank draft. Il-kuntratt sar aktar minn sena wara.

Illi mhux verosimili li Joseph Micallef tfacca dakinhar li kien qieghed ezegwit il-mandat ta' zgumbrament sempliciment biex jaghmel negozju. Mhux hekk biss talli fuq il-konvenju thallas il-prezz kollu – dan a kuntrarju ta' dak li jigri solitament ghaliex prattikament hadd ma jhallas il-prezz fit-totalita' tieghu fuq konvenju. L-iskop huwa evidenti. L-effett ta' l-intervent ta' Joseph Micallef kien sabiex l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament tigi sospiza. Altrimenti s-sitwazzjoni ma taghmilx sens ghax ladarba l-konjugi Zammit kienu se jitilfu d-dar fi kwalunkwe kaz, xi skop kien hemm li jressqu lil Joseph Micallef sabiex ihallas lill-kredituri taghhom?

Stabbilit dan pero' xorta wahda ma jfissirx li Joseph Micallef u martu dehru fuq il-kuntratt bhala *prestanome* tal-atturi. Ibda biex bejn il-hlas lill-kredituri minn Joseph Micallef ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ghaddiet 'il fuq minn sena. Jirrizulta li matul dan il-perjodu l-atturi Zammit baqghu jirrisjedu fil-fond *de quo* bhala d-dar matrimonjali taghhom. Joseph Micallef isostnu li kien inghata c-cavetta

---

[9] A fol 79 tal-process
[10] B'referenza ghall-konjugi Zammit

izda ta’ Zammit biddlu s-serratura. Dan mhux eskluz izda jibqa’ l-fatt li f’Mejju 2005 Joseph Micallef hallas il-prezz kollu fuq il-proprjeta’ – x’kien hemm li jzommu li l-kuntratt jigi ppubblikat ftit wara? Zgur li ma thallix zmien ghar-ricerki jew biex jigu vverifikati xi permessi jew biex jinghata xi facilita’ bankarja ghaliex il-prezz kien thallas kollu! Jirrizulta mill-atti li t-talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament saret minn Joseph Micallef fit-23 ta’ Lulju 2007. Ma rrizultax li Joseph Micallef kienu hadu xi passi jew kienu qed jissikkaw lil ta’ Zammit biex johorgu. Verament kienu ghadhom fuq konvenju izda kif diga’ inghad il-konvenut ma kellux ghalfejn jitwal daqshekk. Huwa ovvju li l-konvenuti Micallef kienu qeghdin jittolleraw lill-konjugi Zammit u jistennew li dawn ta’ l-ahhar iroddu lura l-ammont misluf.

Fix-xhieda li Vincent Zammit ta fis-seduta tat-22 ta’ Jannar 2008[11] dwar il-ftehim qal hekk:

*‘Jien staqsejt lil min biex nara min seta’ jsellifni dawn il-flus u ssuggerewli nkellem lil Micallef. Nikkonferma li jiena tkellimt ma’ Micallef. Flus ma tawnix ta’ Micallef pero’ qaluli illi ser jaghmlu d-dar fuqhom u li jien inkun naf lilu ghas-somma ta’ tmenin elf lira Maltin (Lm80,000) u meta jiena inhallsu din is-somma jkun jista’ jdawwar id-dar fuq ismi. Micallef lili qatt ma tawni flus f’idejja’.*

*‘Il-ftehim li kelli ma’ Micallef kien fis-sens li Micallef kellu jithallas l-interessi fuq is-somma ta’ Lm80,000 li hallas ghaliha lill-Avukat Galea u lil ta’ Cini. Mistoqsi mill-Qorti jekk ftehmniex dwar rata ta’ interessi, nispjega li ma ftehmiex’*[12]*.*

*‘Nikkonferma li l-parti tal-ftehim li kelli ma’ Micallef kien illi jien naghmillu tajjeb ukoll ghall-ispejjez li ghamel ghall-akkwist tad-dar tieghi inkluz il-hlas tal-bolol. Xi sitt xhur (6) wara li akkwista d-dar Micallef kien qalli li Cini ma riedx idawwarlu d-dar. Jiena li tkellimt ma’ Micallef kien fis-sens illi jhallas tmenin elf Lira Maltin (Lm80,000) lill-Avukat*

[11] A fol 62 tal-process
[12] A fol 65 tal-process

*Galea u lil ta' Cini, jien ma jkolli xejn x'naqsam maghhom u jsir kuntratt li bih id-dar iddur f'isem ta' Micallef. Jiena kien minghalija li d-dar giet f'isem ta' Micallef u wara rrizultali li ma saritx fuq Micallef. Ghaddiet xi gimgha u Micallef ghararfni illi kien ikkonvinca lil ta' Caruana biex id-dar jaghmluha f'ismu. Qalli wkoll li l-bolol anzi t-taxxa tan-naha ta' Caruana irrid inhallashom jien. Jiena min-naha tieghi m'accettajtx, ghidtlu, "dik x'ghandi x'naqsam maghhom jien". Micallef pero' qalli li jekk mhux se naghmlu hekk ser jiehu passi u jiena spiccajt kelli naccetta. Fil-fatt ghamilna ftehim li jiena nibda nikri d-dar minghand Micallef bil-prezz ta' elf lira Maltin (Lm1,000) fix-xahar. Jiena l-fatt kont bdejt naghtih il-flus lil Micallef. Konna ghamilna ftehim bin-nutar. In-nutar tana kopja tal-ftehim imma d-dokument li tani n-nutar baqa' ghand Micallef.'*

In kontro-ezami Vincent Zammit qal *'It-Lm80,000 jien lil Micallef kelli ntihomlu fi zmien sena. Kif ghaddiet is-sena ghamilna l-ftehim ta' kera'.* Aktar qabel qal li dan il-ftehim ta' kera sar ghand in-Nutar izda huwa m'ghandux kopja tieghu.

Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2009[13] qal:

*'Jien ftehimt ma' Micallef illi d-dar tinxtara minnu bil-patt u kundizzjoni li meta jien inhallas id-dejn li ghandi mieghu, id-dar terga' ddur f'ismi. Il-hlas li kelli naghti lura lil Micallef, b'referenza ghal din id-dar, kien il-hlas tal-prezz li hallas biex xtraha fis-subbasta. Min-naha ta' Micallef dan in-negozju kellu jhallulu l-imghax'.*

Imbaghad ghall-ewwel darba fix-xhieda tieghu qal li:

*'Meta sar il-kuntratt ta' bejgh minghand Galea l-avukat li xtara d-dar ghal ghand fuq Micallef, u dan il-kuntratt sar ghand in-Nutar Andrea Farrugia, konna ghamina kuntratt iehor, jien ma' Micallef. Dan sar dakinhar stess li sari l-kuntratt ta' bejgh'.*

---

[13] A fol 161 tal-process

*‘F’dan il-kuntratt li ghamilt ma’ Micallef jien u hu konna nizzilna l-kundizzjonijiet ta’ kif kellu jsir il-hlas biex il-proprjeta’ terga’ ddur f’ismi’.*

*‘Dakinhar ftehimna kif  Micallef ser jixtri d-dar minghand l-Avukat Galea fl-interess tieghi. Jien inhallsu lura l-prezz li jkun hallas lil Galea u hu jiehu jew imghax.  Imma ma nafx ezatt kif kien il-ftehim ghax kif ghidt qatt ma tawni kopja tieghu.  Fil-fatt lanqas niftakar jekk konniex ftehimna dwar imghax jew jekk jien kelliex naghtih xi somma aktar mill-prezz li hallas lil Galea’.*

Illi huwa evidenti li l-attur ma kien konsistenti xejn fix-xhieda tieghu. Huwa xehed diversi drabi – kien biss f’xhieda minnhom li semma li saret kitba ghand in-Nutar dakinhar li gie ppubblikat il-kuntratt ta’ bejgh, f’liema kitba allegatament gie ssiggillat il-ftehim li Joseph Micallef kien qieghed jidher f’isem Zammit fuq il-kuntratt u l-modalita’ ghall-hlas u kundizzjonijiet ohra. Ighid li kopja ta’ dan il-ftehim m’ghandux.  Din il-Qorti tistaqsi – possibbli jekk tali ftehim verament jezisti Vinzent Zammit ma zammx kopja tieghu? Oltre’ dan, jekk m’ghandux kopja tieghu lanqas ipproduca lin-Nutar li rredigih bhala xhud f’din il-kawza sabiex almenu jigi stabbilit li tali ftehim verament sehh. Possibbli lanqas isem in-Nutar u f’liema lokalita’ ma jiftakar? Il-Qorti mhiex konvinta li tali ftehim jezisti partikolarment meta rrizulta (minn xhud indipendenti ossija l-Avukat Galea) li dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt Zammit ma kienux prezenti.  Kwindi hu ferm improbabbli li sar xi ftehim fl-istess gurnata. Mhux hekk biss la jaf il-prezz li ssemma u jekk ftehmux fuq imghax. Filli jghid li ma jafx ftehmux fuq imghax, filli jghid li ftehmu imma ma jafx ir-rata u filli jghid li jista’ jkun li kien se jhallas lil Joseph Micallef aktar minn dak li hallas hu.

Oltre’ dan f’punt mix-xhieda tieghu Vincent Zammit qal li l-ftehim kien li l-hlas lil Joseph Micallef ried isir f’sena u semma wkoll lista shiha ta’ pagamenti li allegatament kien diga’ ghadda lil Joseph Micallef. Madankollu meta semma l-ftehim ighid li ftehmu kif kien ser isir il-hlas – ma qalx il-kumplament ta’ dak li kien dovut.  Ifisser dan li ma kien ghadda l-ebda pagament lil Joseph Micallef? U jekk ma

kienx ghadu hallas dak li kien dovut, huwa ferm improbabbli li Joseph Micallef deher fuq il-kuntratt f'isem Vincent Zammit. Mhux verosimili li persuna tohrog eluf kbar ta' liri biex tixtri proprjeta' f'isem haddiehor u f'idejha ma tibqalgha l-ebda garanzija li b'xi mod se tithallas lura l-ammont mahrug u minghajr ma ftehmu fuq rata ta' imghax! Min se jidhol ghall-haga bhal din bla ebda gwadann? Vincent Zammit semma wkoll li sar ftehim ta' kera – dan ma giex ippruvat. La giet prezentata kopja tieghu u lanqas gie prodott in-Nutar partikolari. Interessanti wkoll li meta xehed fit-22 ta' Jannar 2008 fil-kawza fl-ismijiet 'Joseph Micallef et vs Maria Assunta Spiteri'[14] qal li kienu anki waslu biex jitkellmu dwar il-possibilita' li jibda jikri d-dar.

Gie premess ukoll fir-rikors promotur li l-atturi ghamlu diversi pagamenti lill-konvenuti bhala rimbors ta' l-ammont li dawn ta' l-ahhar hallsu fuq l-att tan-Nutar Farrugia. Dwar dan il-punt insibu inkonsistenza shiha. Vincent Zammit isostni li lil Joseph Micallef ghaddilu diversi pagamenti u li Micallef dejjem irrifjuta li jaghtih ircevuta u dejjem jheddu li se jitfghu 'il barra mid-dar. Micallef jichad dan kollu.

Minn analizi tal-provi jirrizulta li fid-dikjarazzjoni guramentata prezentata minn Zammit fit-2 ta' Novembru 2009[15] huwa ddikjara li kien hallas lil Joseph Micallef Lm39,020 u dan bejn il-perjodu mill-10 ta' Mejju 2006 sas-6 ta' Settembru 2006. Fl-istess nifs meta Zammit jispjega l-pagamenti allegatament maghmulin minnu lil Micallef[16] li giet mahlufa minnu fit-30 ta' Ottubru 2009 jiddikjara li b'kollox hallas lill-konvenut Lm56,370 u dan hu konformi ma' Dok M1. Imbaghad fix-xhieda tieghu tat-22 ta' Jannar 2008[17] sostna li lil Joseph Micallef tah is-somma ta' Lm50,000 f'perjodu ta' sena.

Illi apparti li jezistu dawn id-diskrepanzi fis-somom li Vincent Zammit isostni li hallas lil Joseph Micallef hemm ukoll punti ohra li jehtieg li jittiehdu in kunsiderazzjoni.

---

[14] Rik Gur Nru: 59/07AE
[15] Dok VZ1 a fol 28 tal-process
[16] A fol 29 *et seq* tal-process
[17] Dok VZ a fol 39 fl-atti tal-kawza Nru: 59/07.

Vincent Zammit xehed li apparti cekk li ta lil Joseph Micallef mahrug minn Stephen Farrugia dejjem tah flus kontanti, parti mill-flus minn tieghu u ohrajn issellifhom. Dejjem xehed fis-sens li Joseph Micallef qatt ma ried itih ircevuta izda peress li kien dejjem ighidlu li se jitfghu ‘l barra mid-dar baqa’ jaghtih il-pagamenti izda imbaghad wasal f’punt fejn tant baqa’ jissikkah li tah l-ahhar Lm12,000 u ma baqax itih aktar. Xehed ukoll li kien hemm drabi fejn il-flus tahomlu fil-prezenza ta’ terzi fosthom ibnu Jason Zammit.

Issa dwar dawn il-pagameti l-attur ipprezenta tliet dokumenti – Dok A, B u C. F’dawn id-dokumenti m’hemmx indikat Vincent Zammit u martu ghal-liema raguni kienu ssellfu l-flus. Jirrizulta minn Dok A li l-flus gew ircevuti minn Zammit fil-25 ta’ Settembru 2006. Mid-deskrizzjoni li ta ma jirrizultax li wara l-25 ta’ Settembru 2006 issemmew somom daqshekk kbar. Hemm ukoll inkonsistenza fid-dati li ssemmew li allegatament thallsu l-flus. Oltre’ dan semma lil Pierre Buontempo li kien xhud meta fit-8 ta’ Awwissu 2006 lil Joseph Micallef tah Lm10,000 flus kontanti. Buontempo ma tressaqx bhala xhud. B’referenza ghall-istess data jghid li Micallef cempel lill-Marixxal biex ma jkomplix jesegwixxi l-mandat ta’ zgumbrament ghax ircieva l-flus. Ghal darb’ohra la gie prodott il-Marixxal u lanqas l-atti tal-mandat ta’ zgumbrament sabiex jissostanzja dan ghax f’kazijiet bhal dawn ikun hemm notament in atti. Mhux hekk biss, izda ghaliex f’Awwissu 2006 Joseph Micallef ghalkemm kien hallas il-prezz kollu l-kuntratt lanqas kien ghadu gie ppubblikat w allura l-post kien ghadu fuq isem Galea u Caruana and Cini Developments Limited li ladarba kienu thallsu ma kellhom l-ebda interess li jesegwixxu l-mandat ta’ zgumbrament.

Vincent Zammit ipproduca bhala xhud lil Stephen Farrugia[18]. Dan Farrugia xehed li Vincent Zammit talbu biex isellfu flus u nzerta kellu cekk ta’ Lm10,000. Vincent Zammit ha lil Joseph Hili biex jaghmillu tajjeb. Is-self kien

[18] A fol 174 tal-process

ghal xahar u ma saret ebda skrittura. Stephen Farrugia jghid li l-flus hadhom minghand Joseph Micallef wara li skada x-xahar. In kontro-ezami xehed li lil Joseph Micallef m'ghandux konoxxenza tieghu u li *'Ma ghandu l-ebda taghrif dwar jekk kienx hemm xi ftehim bejn Micallef u Zammit ….Zammit qalli li ghandu jaghtihom lil xi wiehed Malti'.* Kwindi Stephen Farrugia ma kkoroborax ix-xhieda ta' Vincent Zammit u dan ta' l-ahhar lanqas indenja ruhu jharrek lil tal-Banek biex jikkonfermaw li tali cekk hareg. Joseph Micallef ighid ukoll li dan ic-cekk issarraf minn Pierre Buontempo izda dan ukoll ma giex sostanzjat.

Joseph Hili xehed li Zammit talbu jsellfu flus u ghamel cekk f'isem Stephen Farrugia. Huwa ma jafx ghalfejn ic-cekk hareg f'isem Stephen Farrugia. Huwa fehem li Stephen Farrugia sellef flus lil Zammit imbaghad Stephen Farrugia ried il-flus lura u Zammit talab il-flus lilu biex ihallas lil Farrugia. Il-flus li sellef lil Zammit ghadu ma hadhomx.

Semma diversi nies ohra li selfuh xi flus jew li huwa jsostni li sar pagament quddiemhom izda dawn ma gewx prodotti. Min-naha l-ohra, Victor Galea Pace (li skont Vincent Zammit kien baghat xi flus mieghu bhala pagament lil Joseph Micallef)[19] xehed li lil Joseph Micallef ma jafux u li Vincent Zammit qatt ma kellmu dwar Joseph Micallef jew dwar xi problemi li Vincent Zammit jista' ghandu. Huwa ma ftakarx li inghata flus minn Zammit biex jaghtihom lil haddiehor.

Illi *dato ma non concesso* li Joseph Micallef qatt ma rrilaxxa rcevuti lil Vincent Zammit, Zammit seta' almenu pproduca evidenza konkreta l-flus li jghid li hareg minn tieghu minn fejn originaw bhal, per ezempju, jekk harighomx minn kont bankarju jew mill-flus tan-negozju tieghu.

Il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda ta' Jason Zammit[20] fost affarijiet ohra qal li l-konvenut eziga minghandu u zitu li

[19] A fol 199 tal-process
[20] Affidavit a fol 170 tal-process

jaghmlulu tajjeb bil-proprjeta' taghhom. In kontro-ezami xehed li missieru sab lil Micallef bl-ghajnuna ta' Pierre Buontempo ghax huwa kien ikun ma' missieru. Mar anki ma' missieru meta lil Micallef tawh il-flus. Il-ftehim kien illi Micallef ser jixtri lura d-dar, pero' ovvjament biex jaghmel dan ried xi haga biex taghmel tajjeb u x-xhud offra d-dar tieghu bhala garanzija. Sostna li ma jafx x'kien se jiehu minn din il-haga. Huwa xehed li m'ghamel l-ebda negozju ma' Micallef fuq id-dar tieghu. Izda mill-atti jirrizulta li Jason Zammit u martu kienu ssellfu flus minghand Joseph Micallef u dan kif jixhed il-kuntratt datat 22 ta' Lulju 2005[21]. Huwa minnu li dan il-kuntratt sar ftit jiem wara li Joseph Micallef hallas lil Galea u lis-socjeta' l-prezz kollu tad-dar pero' l-Qorti ghandha quddiemha kuntratt ta' self *brevi mani* in atti li gie ppubblikat minn Nutar Dottor Andre' Farrugia fl-ammont ta' Lm54,000. Infatti l-uniku rcevuta ta' hlas li Joseph Micallef irrilaxxa kienet proprju Dok D[22] datata 8 ta' Awwissu 2008 li tispecifika li Joseph Micallef ircieva akkont ta' somma akbar dovuta minn Jason u Sylvia Zammit a tenur ta' kuntratt ta' self tat-22 ta' Lulju, 2005. Madankollu Vincent u Jason Zammit isostnu li dan ma kien self xejn izda kien hemm l-iskop li Joseph Micallef jinghata garanzija ulterjuri ghax kien qed jibza' li d-dar ma tiswiex Lm80,000. Sal-lum dan il-kuntratt huwa vigenti u l-presunzjoni hija li huwa kuntratt validu u li sar fit-termini tal-ligi. Oltre' dan il-Qorti ma tistax tifhem x'kienet ir-raguni li titnizzel li kien hemm self meta jekk Joseph Micallef kull ma ried kienet garanzija ulterjuri ma kien hemm xejn x'jimpedixxi li jinghad hekk. Tajjeb jinghad ukoll li n-Nutar Farrugia lanqas ma gie prodott bhala xhud.

Illi Vincent Zammit u Jason Zammit isemmu li Joseph Micallef ried ukoll garanzija fuq il-garaxx taz-zija Maria Assunta Spiteri ghas-somma ta' Lm12,000. Infatti fil-kawza li saret minn Micallef kontra Maria Assunta Spiteri, l-istess Spiteri eccepiet li l-ftehim kien milqut minn simulazzjoni ghax kien qed jimmaskera self, kif ukoll li l-kunsens taghha kien vizzjat minhabba ghemil doluz ta' l-atturi, mentri l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex

[21] A fol 194 tal-process
[22] A fol 95 tal-process

twettaq l-obbligazzjoni li tbiegh garaxx taht il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fil-konvenju. Din il-Qorti, kif diversament presjeduta ddecidiet il-kawza fl-4 ta' Frar, 2009 u filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta laqghet it-talbiet attrici. Din is-sentenza giet appellata u ghalhekk ghadha *sub judice*.

Illi hekk kif inghad mill-ewwel Qorti fis-sentenza **Judith Lucchesi noe et vs Rita Sultana pro et noe**[23]

*Jiktbu a propozitu Baudry-Lacantinarie u Wahl, fit-Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile:- "Il prestanome non si distingue dal mandatario; infatti la dissimulazione della sua qualita` non ha luogo che di fronte ai terzi. Gli oggetti acquistati appartengono quindi al mandante" (Vol. XXIV, pag. 486, nro. 890). U inveru, d-dispozizzjoni kontenuta fl-art. 1042 (1) tal-Kodici Civili taghna, fis-sens li "hadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu", ghandha tigi kollegata mad-dispozizzjoni tal-ligi tal-mandat, fis-sens li "meta l-mandatarju jkun agixxa fl-isem tieghu nnifsu, il-mandant m'ghandux azzjoni kontra dawk li maghhom ikun ikkuntratta, u lanqas dawn ma ghandhom azzjoni kontra l-mandant" (art. 1973 Kod. Cit.)"*

*11. Fin-nota spjegattiva li tintroduci s-sentenza riportata fil-Volum XXXVII-1-350, li hija s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta' Novembru 1953, fil-kawza fl-ismijiet **Carmela Farrugia v. Guiseppe Farrugia**, jinghad hekk:*

*"Meta wiehed jixtri, jew jakkwista bi kwalunkwe titolu li jkun, fond fl-interess ta' hadd iehor, u dan bis-sahha ta' mandat li dik il-persuna l-ohra tkun taghtu ghal dan l-iskop, il-fond hekk akkwistat minn dak il-mandatarju jsir tal-mandant minn dak il-mument stess, avolja l-mandatarju jkun ghamel l-akkwist tal-fond fl-isem tieghu proprju u fl-att ma jkun issemma' xejn li l-fond qieghed jinxtara fl-interess tal-mandant. Il-mandat moghti ghal dan l-iskop m'ghandux bzonn jinghata bil-miktub, avolja ghandu bhala oggett tieghu l-akkwist ta' stabbili; ghax mandat simili ma jimplikax da parti tal-mandatarju li*

---

[23] Cit Nru: 556/1991 deciza fit-18 ta' Mejju, 2001

*jittrasferixxi l-fond lill-mandant wara li huwa jkun akkwistah fl-interess tal-mandant u bis-sahha tal-mandat. U dak il-mandatarju jista' jigi kostrett ghall-ezekuzzjoni specifika ta' l-obligu tieghu li jittrasferixxi l-fond lill-mandant; u mhux il-kaz li jigi ritenut li l-mandatarju huwa inadempjenti, ghax akkwista l-fond f'ismu u mhux f'isem il-mandanti, u li ghalhekk huwa jista' jigi biss azzjonat ghad-danni, u mhux ukoll ghall-ezekuzzjoni specifika. U biex il-mandant jezigi gudizzjarjament din il-ezekuzzjoni specifika mhux mehtieg li huwa jimpunja l-att ta' l-akkwist; imma huwa bizzejjed li huwa jipprova li l-akkwirent tal-fond, meta deher fuq l-att ta' l-akkwist, kien qieghed jidher u jikkuntratta fl-interess tal-mandanti, ghalkemm ghamel kollox f'ismu proprju."*

*12. Dik il-Qorti effettivament irriteniet testwalment hekk f'pagna 358 u 359 loc. cit.:*

*"......fil-kaz in ezami ma jistax jigi li l-obligu tal-mandatarju kien jirrizolvi ruhu fi promessa ta' trasferiment ta' l-istabbili minnu akkwistati b'inkariku u fl-interess taghha;*

*Infatti mhux il-kaz li l-appellant jigi msejjah biex ibiegh jew jittrasferixxi lill-attrici dak li huwa akkwista f'ismu, imma li jirrikonoxxi li dak l-akkwist huwa ghamlu fl-interess ta' l-attrici, in ezekuzzjoni tal-mandat minnha lilu konferit, ghalkemm dan ir-rikonoxximent ikollu jassumi l-forma ta' trasferiment minhabba n-necessita` ta' l-att pubbliku, li huwa rikjest ghat-titolu ta' kwalunkwe proprjeta` ta' stabbili. Fi ftit kliem, l-attrici kienet fil-fatt l-originarja kumpratrici, ghalkemm fuq l-att tad-29 ta' Mejju 1940 deher biss l-appellant f'ismu. Jinghad ukoll li, kif gie kostantement deciz minn din il-Qorti, "nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altra persona non figurante sull'atto, ma avente diritto di avocare a se` quello che nel di lei interesse sia stato contrattato". Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet zvolti f'dan il-paragrafu ara sentenzi ta' din il-Qorti in re "Galea vs. Gauci", 24 ta' April, 1931, Kollez. Vol. XXVIII, parte I, pag. 60; in re "Debono vs. Debono", 13 ta' Marzu 1953; in re "Calleja vs. Deguara",*

*10 ta' Ottubru 1930, Kollez. Vol. XXVIII, parte I, pag. 620; u in re "Zammit vs. Debattista", 15 ta' Dicembru 1933:"*

Illi fil-kaz odjern meta Joseph Micallef hallas lill-Avukat Galea u lill-kumpanija dawn kienu kollha minn flusu. Meta mbaghad gie ppubblikat il-kuntratt lanqas ma rrizultaw il-pagamenti li l-atturi jsostnu li kienu ghamlu u ghaldaqstant ma jista' qatt ikun li Joseph Micallef kien qieghed jidher f'isem Zammit meta kien xtara bi flusu. *Ex admissis* l-attur sostna li l-ftehim kien ta' self u li meta jrodd lura l-flus Micallef kien se jdawwar id-dar fuq ismu. Dan ma jista' qatt iwassal ghall-konkluzjoni li kien hemm ftehim ta' mandat prestanome. Il-ftehim kien meta jithallsu lura, ergo jekk il-flus ma jithallsux lura l-fond se jibqa' tal-konjugi Micallef. Ukoll jinghad li dwar il-prezz Joseph Micallef ta lill-Avukat Galea dan kien rizultat ta' negozjati bejn dawn l-istess partijiet.

Illi li kieku l-atturi ppruvaw il-ftehim ta' mandat prestanome din il-Qorti ma setghetx bl-ebda mod tiddetermina l-bilanc ghaliex l-atturi naqsu li jippruvaw li saru l-pagamenti, u konsegwentement lanqas setghu jintlaqghu t-talbiet l-ohra. Jinghad ukoll li huwa kontradittorju li wiehed jippretendi li kien hemm ftehim ta' mandat prestanome u fl-istess hin jinghad li kien hemm self u li ghadu dovut bilanc, ghaliex ovvjament dan ifisser li l-persuna li xtrat il-proprjeta' xtrat bi flusha, inkluz il-bolol dovuti fuq il-kuntratt.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------